PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

5.12.2007 PE398.393v01-00

EMENDI TA' KOMPROMESS 1-12

Abbozz ta' rapport **(PE388.360v02-00)**
Henrik Lax
Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi
Proposta għal regolament (COM(2006)0403-C6-025/2006-2006/0142 (COD))

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi tal-Parlament
Emenda ta' kompromess imressqa minn Henrik Lax	
Emenda ta' kompromess 1 Premessa 8	
(8) Il-ftehimiet bilaterali konklużi bejn il-Komunità u l-pajjiżi terzi li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi għal waqfiet qosra jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.	(8) Il-ftehimiet bilaterali konklużi bejn il-Komunità u l-pajjiżi terzi li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi għal waqfiet qosra ***u biex isaħħu d-demokrazija u s-soċjetà ċivili***, jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fdan ir-Regolament. ***Il-faċilitazzjoni tal-viża tista' tinkludi, fost affarijiet oħra, tnaqqis jew eżenzjoni mill-ispejjeż tal-viża, faċilitazzjoni f'partijiet mill-proċedura tal-viża, eżenzjoni mill-użu ta' dejta bijometrika u użu aktar frekwenti ta' viżi għal dħul multiplu b'perjodu twil ta' validità. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni bikrija u ċara lill-Parlament Ewropew dwar dawn il-***

ftehimiet bilaterali.

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Henrik Lax
Emenda ta' kompromess 2
Premessa 10

(10) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kwalità tas-servizz offrut lill-pubbliku huwa ***raġonevoli*** u jsegwiI prattiki amministrattivi tajba. Għal dan l-għan għandhom jallokaw numri xierqa ta' impjegati mħarrġa kif ukoll riżorsi suffiċjenti.	(10) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kwalità tas-servizz offrut lill-pubbliku huwa ***ta' standard għoli, orjentat lejn l-applikant*** u jsegwi prattiki amministrattivi tajba. Għal dan l-għan għandhom jallokaw numri xierqa ta' impjegati mħarrġa kif ukoll riżorsi suffiċjenti.

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Henrik Lax

Emenda ta' kompromess 3
Artikolu 5, paragrafu 1, punt (b)

(b) ***jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni ewlenija ma jistax jiġi determinat, il-missjoni diplomatika jew il-post konsulari ta' l-Istat Membru li d-detentur tal-viża jaqsam il-fruntiera esterna tiegħu biex jidħol fit-territorju ta' l-Istati Membri.***	(b) ***il-missjoni diplomatika jew il-konsolat ta' Stat Membru ieħor li jirrappreżenta Stat Membru li kien definit li huwa l-pajjiż ta' destinazzjoni skond ftehima taħt l-Artikolu 7 (2a), fejn il-vjaġġ lejn il-missjoni diplomatika jew il-konsolat ta' dan l-Istat Membru tista' tintlaħaq biss bi sforz sproporzjonat mill-post ta' residenza tas-soltu ta' l-applikant.*** ***Linjigwida dwar jekk vjaġġ lejn missjoni diplomatika jew post konsulari għandu jinkludi sforz spoporzjonat għandhom jitfasslu għal kull pajjiż li jospita fi ħdan il-qafas tal-koperazzjoni konsulari lokali. Dawn il-linjigwida għandhom iqisu, inter alia, id-distanza u l–ispiża għall-vjaġġ.***

Or. en

Emenda ta’ kompromess imressqa minn Henrik Lax

Emenda ta’ kompromess 4
Artikolu 5, paragrafu 1, subparagrafu 2

Meta ssir applikazzjoni għal viża bi dħul multiplu, ***l-Istat Membru tad-destinazzjoni tas-soltu għandu jkun responsabbli biex tkun ipproċessata l-applikazzjoni***. ***Dawn il-viżi jistgħu jinħarġu biss fil-pajjiż tar-residenza ta’ l-applikant.***	Viża bi dħul multiplu ***għandha tinħareġ biss fil-pajjiż ta’ residenza ta’ l-applikant sakemm l-applikant jista’ juri li hija meħtieġa eċċezzjoni***. ***F’każijiet ta’ eċċezzjoni bħal dawn, il-viża tista' tinħareġ ukoll fi Stat Membru ieħor bil-kunsens minn qabel tal-missjoni diplomatika jew konsolat responsabbli mill-pajjiż ta’ residenza ta’ l-applikant.***

Or. en

Emenda ta’ kompromess imressqa minn Henrik Lax

Emenda ta’ kompromess 5
Artikolu 14, paragrafu 1, subparagrafu 2 a (ġdid)

	L-applikanti m'għandhomx jintalbu jippreżentaw dokumenti dwar l-akkomodazzjoni jew stedina qabel ma japplikaw għall-viża jekk ikunu kapaċi jagħtu prova għal mezzi suffiċjenti ta' għajxien u għall-ispejjeż ta' akkomodazzjoni fl-Istat Membru jew l-Istat li jkunu bi ħsiebhom iżuru. ***L-applikanti għandhom ikunu infurmati li din id-deroga hija mingħajr preġudizzju għar-rekwiżit għal applikanti biex ikunu jistgħu jipprovdu dokumenti bħal dawn fil-fruntieri esterni ta’ l-Unjoni jekk jintalbu jagħmlu dan.***

Or. en

Emenda mressqa minn Henrik Lax

Emenda ta’ kompromess 6
Artikolu 14, paragrafu 3 a (ġdid)

3a. Jekk ikunu meħtieġa traduzzjonijiet tad-dokumenti ta' appoġġ mill-missjoni diplomatika jew mill-konsolat, l-applikant għandu jkun intitolat li jipprovdihom jew fil-lingwa/i uffiċjali tal-pajjiż li jospita jew bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż.

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Henrik Lax

Emenda ta' kompromess 7
Artikolu 18, paragrafu 2, punt (b) (ġdid)

(b) Ir-rekwiżit ta' intervista jista' jkun eżentat f'ċerti każijiet, inter alia, fejn l-applikant għandu reġistru tal-viża pożittiv bi qbil ma' l-Artikolu 42c jew fejn id-distanza mill-missjoni diplomatika jew konsolat hija twila wisq, dejjem jekk m'hemm ebda dubju mill-intenzjoni tajba ta' l-applikant jew, fil-każ ta' żjarat ta' gruppi, korp ta' reputazzjoni xierqa u ta' fiduċja ikun jista' jistrieħ fuq l-intenzjonijiet tajba tal-persuni kkonċernati.

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Henrik Lax

Emenda ta' kompromess 8
Artikolu 28, paragrafu 5

5. Għandha tiġi ċċarġjata tariffa ta' ***30 EUR*** għall-estensjoni ta' viża.	5. Għandha tiġi ċċarġjata tariffa ta' ***17.5 EUR*** għall-estensjoni ta' viża.

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Henrik Lax

Emenda ta' kompromess 9
Artikolu 36

Artikolu 36	Artikolu 36
Il-kondotta ta' l-istaff li ***jipproċessar*** ta' l-applikazzjonijiet għal viża	Il-kondotta ta' l-istaff ***involut f***l-applikazzjonijiet għal viża
1. ***Il-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċji konsulari*** ta' l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti jintlaqgħu bil-korteżija kollha.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti jintlaqgħu bil-korteżija kollha ***mill-istaff kollhu involut fl-applikazzjonijiet tal-viża***.
2. L-impjegati ***konsulari*** għandhom, fit-twettiq tad-dmirijet tagħhom, jirrispettaw b'mod sħiħ id-dinjità tal-bniedem. Kwalunkwe miżura meħuda għandha tkun proporzjonata għall-għanijiet segwiti ***minn dawn il-miżuri***.	2. L-impjegati kollha, għandhom, fit-twettiq tad-dmirijet tagħhom, jirrispettaw b'mod sħiħ id-dinjità tal-bniedem ***u l-integrità ta' l-applikant***. Kwalunkwe miżura meħuda għandha tkun proporzjonata għall-għanijiet segwiti.
3. Fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, l-impjegati ***konsulari*** m'għandhomx jiddiskriminaw kontra persuni fuq il-bażi tas-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.	3. Fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, l-impjegati m'għandhomx jiddiskriminaw kontra persuni fuq il-bażi tas-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Test adottat fis-CCI

Emenda ta' kompromess imressqa minn Henrik Lax

Emenda ta' kompromess 10
Artikolu 42, paragrafu 2 a (ġdid)

Fi ħdan il-koperazzjoni konsulari lokali, għandhom ikunu stabbiliti proċeduri koerenti li jippermettu l-applikanti li jistabbilixxu appuntament għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni bit-telefown, bl-internet, jew b'metodi oħrajn.

Or. en

Emenda ta’ kompromess imressqa minn Henrik Lax

Emenda ta’ kompromess 11
Artikolu 42 a (ġdid)

Artikolu 42a

Il-valutazzjoni ta’ l-impatt

Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament, tagħmel valutazzjoni ta' l-impatt ta' l-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament u l-ftehimiet ta' kooperazzjoni konsulari lokali bejn l-Istati Membri rigward il-proċeduri tal-viża. Għandha tingħata attenzjoni partikulari għall-ħtiġijiet speċjali tal-kumpaniji tal-ġarr tal-passiġġieri bil-baħar u kumpaniji tat-turisti li jwettqu u jipprovdu servizzi fir-reġjuni ta' fruntiera taz-zona tax-Schengen, il-kwistjonijiet tal-bijometriki u dispożizzjonijiet immirati lejn l-iffaċilitar u l-issimplifikar tal-proċedura tal-viża. Wara l-analiżi ta' l-impatt, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun meħtieġ, tipproponi emendi għal dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda ta’ kompromess imressqa minn Henrik Lax

Emenda ta’ kompromess 12
Artikolu 42 c (ġdid)

Artikolu 42c

Vjaġġaturi frekwenti

Jekk l-applikant ikkonforma b’mod sħiħ mal-kundizzjonijiet tal-viża matul tliet perjodi tal-viża konsekuttivi fl-Istati Membri fi żmien perjodu ta’ ħames snin (reġistru tal-viża pożittiv), u jekk l-applikant japplika għal viża fi żmien ħames snin mill-iskadenza ta’ l-aħħar mit-tliet viżi meħtieġa, l-applikant se jkun intitolat li jibbenefika minn proċedura simplifikata.

Is-simplifikazzjoni tal-proċedura tista' tinkludi l-għoti ta' viża bi dħul multiplu b'validità itwal, ebda intervista, inqas dokumenti ta' prova u partijiet mill-proċedura ta' l-applikazzjoni tal-viża għandhom ikunu possibbli bl-internet.

Din il-proċedura simplifikata għandha tkun definita aktar fl-Istruzzjonijiet dwar l-applikazzjoni prattika tal-Kodiċi tal-Viża stipulat fl-Artikolu 45.

Or. en